**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 63 – IT-TNEJN 28 TA' FRAR 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tnejn u sittin (62) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-15 ta' Frar u t-28 ta' Frar 2011.

2.2 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0397/11. Din kienet konferma mill-Mepa li l-applikazzjoni Nru. 1384/10 dwar rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ ġiet approvata.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0406/11. Din hija stedina mingħand it-TVM u Education 22 biex il-Kunsilli Lokali jipparteċipaw fuq programmi televiżivi dwar ix-xogħlijiet li saru fil-lokalita' tagħhom. Il- Kunsill Lokali tagħna sejjer iġib aktar dettalji dwar din il-parteċipazzjoni.

2.4 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0470/11. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali irrefera għal Memo 121/10 dwar Skema għal Iniżjattivi Sportivi fejn il-Kunsill tagħna akkwista fondi biex jkun jista' jagħmel diversi attivitajiet sportivi matul is-sena kurrenti.

2.5 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0523/11. Din kienet stedina mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex dawk il-Kunsilli li għandhom Ġemellaġġi ma' għaqdiet barranin jipparteċipaw f'konferenza li sejra ssir f'Marzu.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il-15 ta' Frar u t-28 ta' Frar 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru 139456 (Triq San Mikiel – S018); Nru. 139625 ( Triq ir-Razzett L-Aħmar – L105) dawn ġew irrapurtati minnufih.

3.3 Rigward ilment Nru. 16/02-1 biex isir 'refreshing' tal-yellow lines quddiem 34/36, Triq Ġwann Mamo; il-Kunsill applika mal-Awtorita' Trasport Malta biex isiru l-Parking-Bays kollha f'din it-triq.

3.4 Rigward ilment Nru. 16/02-2 li residenta minn Triq Ġwann Mamo qed ikollha problema biex toħroġ mill-garaxx minħabba li qed jipparkjaw fuq id-double yellow-lines li għandha quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill sejjer jerġa jibgħat il-Wardens biex jiċċekjaw.

3.5 Rigward ilment Nru. 139563 dwar wire tad-dawl imdendel għal fuq id-drive-in ta' residenza privata u għal fuq it-triq fi

Triq Triq Karmenu Vassallo c/w ma' Triq Ġuze` Pesċi. Diġa ġiet infurmata l-Korporazzjoni Enemalta.

3.6 Rigward ilment Nru. 139627 dwar tappiera tad-drenaġġ fi Triq il-Klin li sfrondat. Ġiet infurmata l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minnufih biex jieħdu passi.

3.7 Rigward talba Nru. 18/02-1 biex isir 'refreshing' ta' 'l-Istop' f'tarf Triq Ċensu Bugeja; din issir meta jippermetti t-temp.

Rigward talba Nru. 22/02-1 biex isiru l-bankini fi Triq il-Klin; dawn qed jiġu kkunsidrati u jsiru meta jkun possibbli.

3.8 Rigward talba Nru. 22/02-2 biex issir 'zebra-crossing' fi Triq Geronimo Abos il-parti ta' fuq; l-applikazzjoni kienet ġiet irrifjutata kemm 'il darba mill-Awtorita' Trasport Malta għaliex skond huma m'hiex posta hemmhekk.

3.9 Rigward talba Nru. 22/02-3 biex isiru n-numri tal-bibien fi Triq il-Klin; diġa ntbagħtet talba lis-Street Naming Committee.

3.10 Rigward talba Nru. 139958 li quddiem residenza "Villa Avallone" fi Triq il-Wied hemm wires tad-dawl li qed jisparkjaw; diġa ntbagħat rapport lill-Korporazzjoni Enemalta.

3.11 Rigward suġġeriment Nru. 28/02-1 biex Triq Ġuze` Ellul Mercer issir "one-way" minn Triq Anton Buttigieg minħabba l-volum ta' vetturi li jgħaddu minn din it-triq; il-Kunsill qed jikkunsidra din it-talba.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronnie Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall-korrispondenza li kienet 'ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn staqsejna jekk l-ex -Kunsillier Joseph Camilleri, għandux jitħallas ta' dawk il-laqgħat li għalihom kien dejjem skużat. Fl-aħħar waslet ir-risposta li kkonfermat li hu kien intitolat għal dan il-ħlas.
Għaldaqstant is-Segretarju ikkonferma li l-ammont dovut huwa ta' €491.
Kulħadd qabel unanimament li jsir dan il-pagament.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03034/09. Plot 3, Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati l-alterazzjonijiet li saru ġewwa u barra fuq il-Bungalow diġa approvat. L-applikazzjoni ma' ġietx approvata. Id-deċizjoni oriġinali tibqa` valida.

5.3 Dwar PA 04127/10. 130 Triq Geronimo Abos. Biex jinbena saqaf għat-tnixxif tal-ħwejjeġ fuq il-maisonette fl-ewwel sular. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.4 Dwar PA 00737/10. 5 & & Triq Ċensu Bugeja. Proposta biex issir tabella tixgħel fuq il-faċċata. L-applikazzjon ġiet approvata.

5.5 Dwar PA 01384/10; 01385/10 u 01386/10. Rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ, Kunsill Lokali Iklin. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjonijiet jiġu approvati.

## 6. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER 2/11. ĠBIR TA' BULKY REFUSE.

6.1. Is-Sindku Anthony Dalli irrefera ghal-dan it-Tender u qal li l-Kunsill Lokali kien irċieva erbgħa offerti kif jidhru hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Dimbros Ltd. | Prezz ta' €3.20 għal kull household |
| 2. | Saviour Mifsud | Prezz ta' €3.80 għal kull household |
| 3. | Ronald Debono | Prezz ta' €3.44 għal kull household |
| 4. | Alex Fenech | Prezz ta' €3.40 għal kull household |

6.2 Peress li l-aħjar offerta kienet dik ta' Dimbros Ltd, il-Kunsill unanimament iddeċieda li jagħżel din l-offerta.
Is-Segretarju għandu jinfurmah b'din id-deċizjoni.

Doc. E anness.

## 7. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER 1/11. ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU MĦALLAT.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli qal irrefera għal dan it-Tender u qal li l-Kunsill Lokali kien irċieva tmien offerti.

Doc. F u G anness.

7.2 Wara li saret evalwazzjoni sħiħa fuq il-prezzijiet li ntefgħu kemm dawk tal-ġbir tal-iskart kif ukoll dak tad-diesel, il-Kunsill għadda biex jagħmel spezzjoni fuq id-dokumenti kollha li ntefgħu skond ir-rekwiżiti tat-Tender.
Hawnhekk saret skeda tad-dokumenti kollha li kellu f'idejh il-Kunsill ta' kull kuntrattur. Doc. H anness.
Saret ukoll skeda ta' l-applikazzjonijiet li ġew mimlija (Annexes) kif jidher, Doc. I anness.

7.3 Il-Kunsill, skond artiklu 2.4 tal-Kundizzjonijiet Speċifici tat-Tender staqsa lill-Kunsilli Lokali jekk inħarġux xi 'Default Notices' kontra l-Kuntratturi imsemmija.
Ir-risposti li rċieva l-Kunsill Lokali kien kollha pożittivi u ma' kienx hemm ' Default Notices'.

7.4 Għaldaqstant wara diskussjoni sħiħa mill-membri kollha preżenti fil-Kunsill, iddeċieda li jiġġudika l-irħas waħda l-aktar vantaġġjuża. Din kienet ta' Ronald Debono ( R & A Waste Services).

7.5 Għaldaqstant is-Segretarju ġie inkarigat jinnotifka lil-Ronald Debono skond il-proċeduri.

**8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex irrefera għall-permessi tal-Mepa għar-rikostruzzjoni tal-Ħitan tas-Sejjiegħ, fondi li ġejjin mill-Unjoni Ewropeja.

8.2 Irrefera għall-viżita' li kellu l-Kunsill Lokali mingħand id-Direttur il-ġdid tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Carmelo Abela.
Fost affarijiet oħra semma a) Skemi għal fondi speċjali M'humiex qed ikunu vantaġġjużi għall-Kunsill tagħna.
b) l-irtirar tas-Segretarju Eżekuttiv.

8.3 Semma li wasalna biex niffirmaw il-kuntratt mal-Mepa biex nieħdu l-fondi taħt l-iskema 'Urban Improvement Fund' li tlaħħaq is-somma ta' €17,408 biex isir titjib u parkeġġ madwar is- Centre Strip ta' Triq Patri Marjanu Vella c/w Triq Ċensu Busuttil.

8.4 Iffirmajna l-kuntratt mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nieħdu fondi taħt l-iskema 'Inizjattivi Sportivi 2011'. Dawn l-attivitajiet jibdew kif ikollna il-fondi f'idejna.

8.5 Jum il-Mara sejra issir fis-16 ta' Marzu ġewwa lukanda il-Mellieħa.
Ġie ssuġġerit mill-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo biex tinxtara xitla żgħira għall-okkażjoni. Il-prezz kien ta' €2.50 għal tlett xtili.

Kulħadd qabel li jinxtraw dawn il-pjanti bħala tifkira.

8.6 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li rċevejna tlett kwotazzjonijiet għal dawl ġdid fi Pjazza Ninu Cremona biex jinbidlu l-lampi li hemm fuq in-naħa ta' fuq tal-Bandli faċċata tal-Knisja. It-tlett kwotazzjonijiet kienu dawn:

| | |
|---|---|
| 1. MicaMed Ltd. | €7,877. 50 |
| 2. Central Power Installations Ltd. | €5,135.36 |
| 3. Mark Anthony Bonello | €5,105.63 |

8.7 Peress li l-Kunsill ried jiċċara xi punti ma' dawn il-kumpaniji, Ma' setgħetx tittieħed deċizjoni dak il-ħin. Għaldaqstant dan is-suġġett jiġi deċiż f'laqgħa oħra.

## 9. AĠĠORNAMENT .

9.1 Il-Kunsiller Ronnie Cauchi beda biex għamel l-intervent tiegħu billi staqsa fejn wasal is-servizz tal-Wifi b'xejn fil-lokalita' tagħna.
Is-Sindku Anthony Dalli infurmah li kien għad jonqos isir arblu mal-kamra li għandu l-Kunsill fi Triq Ġuże` Ellul Mercer fejn tkun tista' teħel il-kaxxa ta' l-internet.
Is-Sur Cauchi kien qed jistaqsi jistax il-Kunsill tagħna jintroduċi bħala ringrazzjament fil-lokalita' Ġieħ l-Iklin" lill-persuna magħzula jew proposta minn xi għaqdiet fil-lokal tagħna.
Is-Sur Anthony Dalli qal li ma kienx tal-fehma li dan l-"Avventiment" jiġi introdott fil-lokalita' għaliex jista' jqajjem ħafna dizgwid fost il-proponenti. Iżda peress li huwa lokal żgħir tajjeb li niddiskutuh.

9.2 Qabel ma' spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss ssir nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm.

9.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |